MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**
**ONOR. IMHALLEF**
**SCICLUNA DAVID**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 712/1993/2

**Marie-Louise Muscat Inglott sive**
**Marie-Louise Muscat Manduca u**
**Joseph Muscat Manduca**

**vs**

**Louis Manduca**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza taghha (fejn il-Qorti kienet, pero`, komposta mill-Prim Imhallef Joseph Said Pullicino u mill-Imhallfin Joseph A. Filletti u Franco Depasquale) moghtija fit 13 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet premessi, liema sentenza kienet tghid hekk:

*“Il-Qorti*

*Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew:-*

*Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Paul Pellegrini Petit tat-18 ta’ Ottubru, 1950, l-awtrici ta’ l-atturi, Frances Manduca, kienet xtrat il-fond “Bay View Cottage”, 56, Zonqor Street, Marsaskala;*

*Illi l-imsemmija Frances Manduca mietet fit-13 ta’ Marzu, 1993, b’testment fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia ta’ l-10 ta’ Awissu, 1979, li in forza tieghu halliet l-uzufrutt tal-fuq imsemmi fond favur ohtha Marie-Louise mart it-tabib Dottor Frank Muscat Inglott u a favur l-istess Dottor Frank Muscat Inglott tul il-hajja taghhom kollha, flimkien u successivament bejniethom, u l-proprjeta` ta’ l-istess fond, wara l-mewt ta’ l-imsemmija tabib Dottor Frank u martu Marie-Louise Muscat Inglott, lill-attur Joseph Muscat Manduca;*

*Illi t-tabib Dottor Frank Muscat Inglott kien miet fl-10 ta’ Ottubru, 1983;*

*Illi dan l-ahhar, wara l-mewt ta’ l-imsemmija Frances Manduca l-konvenut sgassa l-bieb u t-twieqi tal-imsemmi fond, u appropria ruhu mill-istess dar li qed jirreklama bhala tieghu;*

*Illi l-konvenut kien ga pprova darbtejn jakkwista dikjarazzjoni minn dawn il-Qrati li l-imsemmi fond jappartieni lilu, izda fiz-zewg okkazzjonijiet it-talba tieghu ma gietx milqugha, darba b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija fl-20 ta’ Gunju 1983, fil-kawza fl-ismijiet “Louis Manduca vs Frances Manduca pro et noe”, u darba ohra b’sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-4 ta’ Frar, 1988, fil-kawza fl-ismijiet “Louis Manduca vs Frances Manduca”;*

*Illi l-agir tal-konvenut sar minghajr il-permess u ad insaputa ta’ l-atturi, hu abusiv u lesiv tad-drittijiet taghhom bhala aventi kawza minn Frances Manduca, u jcahhad lill-*

*atturi mill-pussess materjali u fiziku ta' l-imsemmi fond u dan in ezercizzju ta' pretensjoni li hi infondata u bla bazi u li giet michuda darbtejn minn dawn il-Qrati;*

*Talbu ghalhekk l-atturi lill-Qorti sabiex:-*

*1. Tiddikjara illi t-tehid tal-pussess mill-konvenut tal-fond "Bay View Cottage", 56, Zonqor Street, Marsaskala, sar b'mod klandestin u bi vjolenza;*

*2. Illi l-okkupazzjoni tal-konvenut ta' l-imsemmi fond huma minghajr ebda jedd jew titolu validu fil-ligi, u ghalhekk f'kull kaz;*

*3. Il-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jghogobha tiffissalu l-Qorti jizgombra mill-imsemmi fond u jhallih liberu u battal favur l-atturi;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

*Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Manduca illi permezz taghha huwa eccepixxa:-*

*1. Illi l-ewwel talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-atturi kienu ben infurmati bil-pretensjoni valida ta' l-eccipjenti;*

*L-ewwel wiehed fil-15 ta' Dicembru 1998 u t-tieni wiehed fl-1 ta' April 1999 (u mhux fit-23 ta' Marzu 1999 kif indikat fir-rikors ta' l-appell); dawn iz-zewg digrieti kienu sostanzjalment l-istess u kienu cahdu t-talba ta' l-appellant biex ikun jista' jigi awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Illi l-Artikolu 728 tal-Kap 12 jitkellem car dwar dak li ghandu jigi sottomess fin-nota ta' l-eccezzjonijiet; hlief*

*ghal eccezzjonijiet "li jistghu b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodici jinghataw f'kull waqt tal-procediment, jew eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza", l-eccezzjonijiet kollha "ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet";*

*Illi meta wiehed jezamina l-fatti tal-kaz kif ukoll in-natura ta' l-eccezzjonijiet li l-konvenut ried jintavola fi stadju ulterjuri li kienu certament jezistu u a konoxxenza ta' l-istess konvenut meta huwa pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet originali tieghu, dina l-Qorti taqbel mad-digriet moghti fl-Udjenza tal-15 ta' Dicembru 1998, li mbaghad wara gie konfermat b'digriet iehor ta' l-1 ta' April 1999;*

*Illi fic-citazzjoni taghhom l-atturi bbazaw it-talbiet taghhom fuq kuntratti u testment li gew debitament esebiti u li jaghtu stampa cara ta' dak li gara qabel il-mewt ta' Frances Manduca;*

*Illi anke dwar dak li gara wara l-mewt ta' l-imsemmija Frances Manduca, ix-xhieda tal-konvenut ikkonfermat ukoll il-mod kif huwa kien dahal fid-dar in kwistjoni, ghalkemm ma kellux cwievet u anke nonostante il-fatt li kien jaf li dawn ic-cwievet kienu ghand l-atturi;*

*Illi kemm mit-termini li fuqhom giet intavolata din l-azzjoni, kif ukoll mill-istess dikjarazzjoni ta' l-attur fil-mori tal-kawza, din il-Qorti taqbel li l-azzjoni hija aktar wahda ta' spoll privileggjat; il-Qorti ghandha toqghod fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u ma jirrizultax li l-konvenut ressaq xi oggezjoni dwar din l-azzjoni imma biss ecepixxa illi huwa kellu pretensjoni valida li kellha tirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li setghet tezamina anke l-provi ghal azzjoni possessorja ta' manutenzjoni invista anke tal-gurisprudenza citata imma fid-dawl tac-citazzjoni u ta' l-eccezzjonijiet sollevati sejra tieqaf fuq l-ispoll privileggjat. Mill-provi ma hemmx dubju li, meta l-konvenut vjolentement sgassa u dahal jokkupa l-fond, ic-cwievet ta' l-istess fond kienu fil-pussess ta' l-atturi - u b'dan il-konvenut kien jaf; dawn il-fatti juru li l-atturi kellhom il-*

*pussess materjali tal-fond; mal-mewt ta' Frances Manduca, l-atturi kellhom ukoll il-pussess legali stante li kienet l-uzufruttwarja tal-fond in kwistjoni;*

*Illi din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-ewwel sentenza illi x-xhieda tal-konvenut dwar il-volonta` ta' Frances Manduca ftit qabel ma mietet meta huwa jghid illi hija riedet ittih ic-cwievet tal-post, ma tidher xejn verosimili, considerando partikolarment ic-cirkostanzi li jirrizultaw dwar ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel illi l-pussess odjern tal-konvenut li baqa' jokkupa l-fond de quo huma bla ebda dritt jew titolu u l-konvenut, nonostante dak li intqal fl-eccezzjonijiet originali tieghu, bl-ebda mod ma ressaq xi forma ta' prova li tista' tissostanzja l-allegazzjoni tieghu fir-rigward;*

*Illi l-atturi minn naha taghhom irnexxilhom jipprovaw il-premessi taghhom anke permezz tax-xhieda ta' l-istess konvenut, li kif intqal, naqas li jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu kif indika li kien ser jaghmel meta huwa pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet originali tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi;*

*Il-Qorti tiddeciedi dan ir-Rikors billi tichad l-appell tal-konvenut u wara li tikkonferma d-Digrieti moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1998 u fl-1 ta' April 1999, tikkonferma d-Decizjoni moghtija mill-istess Qorti fit-28 ta' Gunju 1999 b'dan li t-terminu ta' xahar moghti fl-istess sentenza lill-konvenut biex jirrilaxxa il-fond, ghandu jibda jiddekorri mid-data tallum.*

*L-ispejjez jithallsu mill-konvenut appellant".*

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni presentat minn Louis Manduca fl-4 ta' April, 2001 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza msemmija u tordna li l-kawza tigi ritrattata;

Rat ir-risposta tal-attur Joseph Muscat Manduca, minnu ppresentata fit-3 ta' Mejju, 2001, li permezz taghha talab li t-talba tal-konvenut ritrattand tigi dikjarata nulla u, subordinatament, li tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess ritrattand;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi u b'mod partikolari fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2002; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi osservat li fl-udjenza msemmija tat-3 ta' Marzu, 2002 l-abbili difensur tal-attur irtira l-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-konvenut (eccezzjoni li kienet tghid li r-rikors "…huwa null peress li fl-okkju tal-kawza ma giex indikat in-numru tac-citazzjoni li tieghu il-konvenut qed jitlob ir-ritrattazzjoni). Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi mill-ewwel biex tezamina l-meritu tar-rikors ta' ritrattazzjoni.

Illi hu appena necessarju jinghad li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura straordinarja, u l-kazijiet li fihom jista' jinghata dana r-rimedju ghandhom jigu interpretati ristrettivament (ara, fost hafna sentenzi f'dan ir-rigward, ***A v. B*** Qorti ta' l-Appell, 17 ta' Gunju, 1997, Vol. LXXXI (1997), pt. II, sezz. II, p. 541). Il-procedura ta' ritrattazzjoni ma kienet qatt intiza, u ghalhekk m'ghandhiex tintuza, sabiex ikun hemm forma ta' tribunal tat-tielet istanza b'ezami mill-gdid tal-kawza fil-meritu.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina *seriatim* l-aggravji tar-ritrattand li, skond huwa, jintitolawh ghal smigh mill-gdid tal-kawza. Dana ser taghmlu fl-istadju *in rescindente* (***Anthony J. Camilleri v. Avukat Dott. Victor Ragonesi noe.*** Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Frar, 1997, Vol. LXXXI (1997), pt. II, sezz. II, p. 452; ara wkoll ***Emmanuele Lanzon v. Adriano Lanzon*** Prim Awla, 24 ta' Jannar, 1935, Vol. XXIX.i.281).

Il-konvenut qed jallega li s-sentenza tikkontjeni applikazzjoni zbaljata tal-ligi fis-sens tal-paragrafu (e) ta' l-

Artikolu 811 tal-Kap. 12. Bazikament il-konvenut qed jikkontendi li tezisti din l-applikazzjoni hazina tal-ligi skond l-imsemmi paragrafu (e) peress li fis-sentenza taghha l-Qorti ta’ l-Appell (bhall-Prim Awla) ma laqghetx it-talba tieghu sabiex huwa jipprezenta zewg eccezzjonijiet ulterjuri, u cioe` dawk kontenuti fir-rkors tieghu tat-22 ta’ Settembru, 1998 – l-eccezzjoni li l-atturi ma kienux il-legittimi kontradittturi peress li qatt ma kellhom il-pussess tal-fond *de quo*, u l-eccezzjoni li l-kawza ta’ spoll kienet “preskritta” skond l-Artikolu 535(1) tal-Kap. 16 ghax ic-citazzjoni ma gietx presentata entro x-xahrejn imsemmija fl-istess Artikolu 535(1). Jilmenta wkoll il-konvenut taht dan il-kap li “kawza ta’ spoll ibbazata fuq allegat spussess ma tista’ qatt tinqaleb ghal kawza ta’ spoll privileggjat in vista wkoll tal-gurisprudenza citata”.

Issa huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-fini ta’ l-imsemmi paragrafu (e) ma ghandhomx jigu ezaminati u valutati l-fatti tal-kawza, u anqas jistghu dawn jergghu jigu nterpretati; ikun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi skond l-imsemmija disposizzjoni biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ossia korretta ghall-fatti kif interpretati. Fi kliem iehor l-ipotesi ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, espressa u cara, u mhux suggetta ghal interpretazzjoni, razzjocinji jew argumenti (ara, *inter alia*, ***Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et.*** Qorti ta’ l-Appell, 24 ta’ Jannar, 1997, Vol. LXXXI (1997), pt. II, sezz. II, p. 188). Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sentenza tat-13 ta’ Marzu, 2001 izda ma tistax tara kif jista’ jinghad li f’dik is-sentenza hemm, b’mod espress u car, applikazzjoni ta’ ligi flok ohra, jew applikazzjoni manifestament zbaljata tal-ligi f’dik il-parti ta’ l-istess sentenza fejn din ikkonfermat iz-zewg digrieti tal-Prim Awla li bihom giet respinta t-talba tal-konvenut li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri, jew f’dik il-parti fejn jinghad li “l-azzjoni hija aktar wahda ta’ spoll privileggjat”. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tghid aktar fuq dan l-aggravju.

Il-konvenut ritrattand qed jikkontendi wkoll li s-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 fiha "disposizzjonijiet kontradittorji" fis-sens tal-paragrafu (i) ta l-Artikolu 811. Din il-Qorti ftit li xejn ghadha xi tghid dwar dan l-ilment tal-konvenut. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza ***Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et.*** (aktar 'l fuq citata):

**"Is-subinciz (i) jippermetti smigh mill-gdid fil-kaz fejn "fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin". Kif sew sottomess mir-ritrattati fir-risposta taghhom il-kontradizzjoni trid tirrizulta pero` fid-<u>dispositiv</u> tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizzjoni tal-Qorti. Hu proprju ghalhekk li kien gie ritenut illi dan is-subinciz ma setghax ikollu applikazzjoni fejn is-sentenza kienet tikkontjeni dispositiv wiehed"** (pp. 198-199).

Anke minn qari superficjali tas-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 hu evidenti li ma hemm ebda disposizzjonijiet kontra xulxin kif appena mfisser.

F-ahharnett il-konvenut jilmenta li s-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (Art. 811(l), Kap. 12). Fuq din il-kawzali hemm ukoll gurisprudenza cara. Hekk fis-sentenza ***Gaetano Mifsud v. Gaetano Zahra*** (Qorti ta' l-Appell, 18 ta' Gunju, 1954) din il-Qorti kienet fissret li biex l-izball ta' fatt, ravvizat fil-paragrafu (l) imsemmi, jaghti kawza ghar-revoka tas-sentenza jehtieg illi (i) l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni, (ii) l-izball jirrizulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti w dokumenti godda biex tingieb 'l quddiem il-prova ta' l-izball, (iii) l-istess zball ikun manifest, tali, cioe` li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant, (iv) l-izball ikun

iddetermina d-decizzjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza (u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata), u (v) l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma jkunx ifforma punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat. Inoltre, kif gie osservat fis-sentenza ***Reverendu Sacerdot Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina*** (Qorti ta' l-Appell, 18 ta' April, 1958), *"….non fornisce motivo di ritrattazione secondo la legge l'errore che si manifesta, o si crede esistere, nei criteri e nei caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, poiche` l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudice".*

Il-konvenut ritrattand qed jippretendi li hemm l-izball minnu lamentat skond l-imsemmi paragrafu (l) peress illi, skond hu, "…d-decizjoni hija bbazata fuq is-supposizzjoni tal-fatt illi l-kwaza giet ipprezentata fit-termini moghti mill-ligi mentri fil-fatt qatt ma gie ikkontestat li effettivament illi (*sic!*) l-kawza ta' spoll ibbazata fuq allegat spussess ma gietx ipprezentata fi zmien xaharejn skond il-ligi"; kif ukoll peress li "[Q]att ma gie ppruvat li Joseph Muscat Manduca kellu l-pussess tal-fond qabel l-allegat spussess permezz ta' spoll u lanqas qatt ma seta' kellu l-pussess tal-fond in kwistjoni billi malli mietet Frances Manduca li kellha l-pussess tal-fond l-esponenti minnufih okkupa l-fond in kwistjoni". Fuq iz-zewg ilmenti, il-konvenut ritrattand m'ghandux raguni valida ghal ritrattazzjoni. Kwantu ghax-xahrejn imsemmija fl-Artikolu 535(1) tal-Kap. 16, dan kien punt ta' kontroversja kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti (diversament komposta) meta tat is-sentenza tat-13 ta' marzu 2001. Il-Prim Awla irriteniet fis-sentenza taghha li, galadarba l-konvenut ma kienx gab 'l quddiem il-kontestazzjoni tieghu f'waqtha (cioe` fin-nota ta l-eccezzjonijiet tieghu wara li kien gie notifikat bic-citazzjoni) dwar dawn ix-xahrejn, allura kellu jigi ritenut li c-citazzjoni saret kif suppost. Dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk: *"Skond l-artikolu 535 l-azzjoni ta' spoll privileggjat*

*trid issir fi zmien xaharejn minn meta jkun sar l-ispoll. Ghandu jinghad, pero`, li l-konvenut f'dan ir-rigward ma ghamel ebda kontestazzjoni"* (ara fol. 182 ta' l-atti)*.* Il-kwistjoni tax-xahrejn regghet tqajjment fir-rikors ta' appell tal-konvenut tal-15 ta' Lulju, 1999 (fl. 186) u fir-risposta ta' l-attur tat-23 ta' Lulju, 1999 (fol. 199). Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Marzu, 2001 il-kwistjoni tax-xahrejn giet indirizzata u deciza kemm billi din il-Qorti kkonfermat iz-zewg digrieti tal-Prim Awla li permezz taghhom il-konvenut ma giex awtorizzat li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri, kif ukoll fil-paragrafu li jghid espressament: *"Illi kemm mit-termini li fuqhom giet intavolata din l-azzjoni, kif ukoll mill-istess dikjarazzjoni ta' l-attur fil-mori tal-kawza, din il-Qorti taqbel li l-azzjoni hija aktar wahda ta' spoll privileggjat; il-Qorti ghandha toqghod fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u ma jirrizultax li l-konvenut ressaq xi oggezzjoni dwar din l-azzjoni imma biss eccepixxa illi huwa pretensjoni valida li kellha tirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza"* (ara fol. 213). Ghalhekk ma jistax jinghad li hawn si tratta ta' zball ta' fatt fis-sens tal-paragrafu (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

Kwantu ghal kwistjoni tal-pussess da parti ta' l-attur Joseph Muscat Manduca, dan ukoll kien punt ta' kontroversja bejn il-partijiet – bizzejjed wiehed jara r-rikors ta' appell tal-konvenut (ga msemmi), u specjalment pagna 8 tieghu (fol. 193 ta' l-atti), kif ukoll ir-risposta ta' l-attur ghal dak ir-rikors. Is-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 iddisponiet mill-kontroversja dwar dan il-fatt billi rriteniet illi *"…dawn il-fatti juru li l-atturi kellhom il-pussess materjali tal-fond; mal-mewt ta' Frances Manduca, l-atturi kellhom ukoll il-pussess legali stante li kienet l-uzufruttwarja tal-fond in kwistjoni"*. Ghalhekk anke hawnhekk ma hemmx l-"izball ta' fatt" kif recepit fil-gurisprudenza aktar 'l fuq indikata.

Ghall-dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tal-konvenut ritrattand ghal smigh mill-gdid tal-kawza, bl-ispejjez kontra tieghu.

Dep Reg
df